ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 5 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2013 fis- 6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Mary Anne Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Patrick Caruana - *Accountant*

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Materji Finanzjarji: a) Management Letter;
   b) Eghluq l-Ewwel Kwart tas-Sena (Jan – Mar '13);
4. Programm ta' Ħidma għal 4 snin;
5. Ċwievet tal-Kunsill;
6.. *Facebook page* Kunsill;
7. Fuljett Kunsill;

8. Ġnien il-Kunsill;

9. *Tender* Latrini;

---

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

ĦAL GĦAXAQ

10. Operat sotto-kumitati;

11. Attivitajiet Sportivi;

12. Toroq San Gorg, Tumbarellu u Giov. Scicluna;

13. *CCTV Cameras* - Ġnien il-Kunsill, Ġnien 2000, Misraħ St. Rokku u Misraħ San Gorg (wara l-knisja);

14. Turretta;

15. Tindif qabel, waqt u wara l-Festa;

16. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. <u>Minuti</u>

Il-Minuti tas-Seduta Nru 4 ittieħdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel unanimament.

## 2. <u>Tagħrif mill-Minuti</u>;

a. Dr. Luciano Busuttil ma bagħat l-ebda risposta dwar l-ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Spiteri dwar Triq San Gorg/Tumbarellu.

b. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju kellom laqgħa mas-Sur Borg Caruana dwar il-*wardens* fejn is-Sindku wera x-xewqa li l-*wardens* ma jmorrux jagħtu ċitazzjonijiet fil-*Housing Estate* fejn hemm toroq wiesgħa anke jekk ikun hemm min jipparkja fuq *double yellow line*.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sur Borg Caruana qal li ma tistax issir diskriminazzjoni ma' ħadd, l-ebda persuna ma tista' tikser il-liġi.

c. Dwar il-lapida li s-Sur Charles Agius qed jilmenta li tneħħiet, instabet silta fil-Minuti Nru 26 tal-Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tlieta, 11 ta' Gunju, 2007, fl-4.00pm.

Fis-Suġġerimenti mill-Kunsilliera fil-Minuti tal-istess laqgħa punt 8.2, jissemma' li s-Sindku dak iż-żmien kien is-Sur Emanuel Vassallo qal li ż-żewġ irħamiet li jfakkru lil kull min serva bħala Sindku jew Kunsillier fil-Kunsill tlestew etc.

Minn dan ġie konkluż li l-Kunsill ma kienx għamel irħama tal-Viċi Sindki qabel ma' saret dik tas-Sindki u l-Kunsilliera. Għaldaqstant l-Kunsill se jibgħat kopja ta' dawn il-Minuti lis-Sur Charles Agius bi spjegazzjoni.

d. Is-Segretarju qalet li l-*Officer* Donna Mallia tixtieq uniformi ġdida minħabba li dik li għandha qdiemet.
Il-Kunsillieri l-ġodda ma kienux jafu li Ms Mallia għandha uniformi għaldaqstant talbu biex fil-laqgħa li jmiss jaraw kif kienet l-uniformi biex jew Ms Mallia terġa' tixtri l-istess għamla u kulur jew inkella l-uniformi tinbidel totalment. Il-Kunsill qabel.

**3.** **<u>Materji Finanzjarji</u>**:

a. *<u>Management Letter</u>*

Filwaqt li l-*Accountant* is-Sur Patrick Caruana kien se jispjega il-*Management Letter*, is-Sur Fenech qal li suppost nirċievu *Management Letter emendate* mill-uffiċċju tal-NAO. Is-Segretarju qalet li fil-passat din l-ittra dejjem waslet mingħand l-awdituri u li jibgħat l-NAO tkun l-istess mingħajr l-ebda emendi.

Ġie konkluż li l-Kunsill jistenna li jirċievi l-*Management Letter* mingħand l-NAO u din tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

*<u>b) Egħluq l-Ewwel Kwart tas-Sena (Jan – Mar '13);</u>*

Is-Segretarju qalet li l-*Accountant* ħejja r-rapport ta’ l-Ewwel Kwart tas-Sena Finanzjarja kurrenti.

Hija stiednet lis-Sur Caruana jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu.

Ir-rapport juri li d-dħul bejn Jannar u Marzu 2013 kien ta’ €78,419 waqt li kien hemm ħruġ li ammonta €46,531.

ĦAL GĦAXAQ

Dan fisser li kien hemm *surplus* ta’ €31,887. L-Indikatur Finanzjarju għal dan il-perjodu kien ta’ 13.78%.

Is-Sur Caruana spjega osservazzjonijiet li saru mill-membri.

Peress li ma kienx hemm rimarki, is-Sindku ressaq il-Karta Bilanċjali għal approvazzjoni. Issekonda s-Sur Keith Fenech, u l-Kunsilll qabel.

**Hawn hekk is-Sindku xtaq li ssir sospensjoni tal-Aġenda minħabba li ntalab permess mingħand l-Għaqda ta’ San Ġużepp biex isir marċ nhar is-Sibt, 25 ta’ Mejju, 2013, filgħaxija. Din il-ġurnata hi barra l-ġimgħa tal-Festa għaldaqstant irid isir qbil.**

Is-Sindku kompla jgħid li fil-kuntratt ta’ qabel il-festi m’hemmx oġġezzjoni li jsir dan il-marċ. Is-Sindku kompla jgħid li waqt il-laqgħa li saret ma’ membri tal-Korp tal-Pulizija flimkien mal-membri taż-żewġ Każini, il-Pulizija qalet li l-liġi tagħti permess basta wieħed iqis ċerti kundizzjonijiet mogħtija mill-Pulizija. Is-Sindku kompla jghid li waqt il-laqgha li saret tal-festi hu kien jaqbel li kieku jsir bhal dak tad-19 ta’ Marzu, izda fil-laqgha sar ftehim li jsir skont il-kuntratt li kien sar.

Is-Sinjura Agius qalet li jekk dan il-marċ isir allura fil-futur ma għandux ikun hemm oġġezzjonijiet għall-ebda Għaqda.

Is-Sur Fenech qal li biex isir marċ m’hemmx kundizzjonijiet sakemm jiġi onorat il-ftehim li kien sar bejn iż-żewġ każini, il-ftehim jgħodd għal kulħadd. Qal ukoll li kulħadd għandu jingħata l-istess permess, jekk le irid ikun hemm raġuni valida.

Għalkemm saret diskussjoni ma kienx hemm forma ta’ qbil mill-Kunsillieri kollha ħlief mis-Sur Fenech.

## 4. **Programm ta’ Ħidma għal 4 snin**

Il-Kunsillier Fenech xtaq jitkellem dwar il-programm ta’ ħidma għal 4 snin li ġejjin. Is-Segretarju qaltlu li qabel kienet issir *Buisness Plan* għal 3 snin u l-Kunsill jikteb xi jkun bi ħsiebhu jagħmel.

Il-Kunsillier Fenech qal li meta hu ra Miżuri li joħorġu mil-MEUSAC u GAL Xlokk tinduna li ħafna Miżuri jiftħu u jagħlqu wara xaharejn u dan żmien qasir minħabba li ċertu affarijiet ma jkunux lesti.  Qal ukoll li jkun hemm fondi sostanzjali, qal per eżempju li ftit taż-żmien ilu kien hemm fondi fejn Kunsilli setgħu japplikaw biex jibnu bini tal-Kunsill.

Is-Sur Fenech issuġġerixxa li tintalab id-devoluzzjoni ta' dik il-biċċa art li hemm fejn il-Ġnien Kunsill li għadu kif sar biex jinbena uffiċċju tal-



Kunsill u dan jitkompla ukoll fuq il-ħwienet eżistenti  Qal li jekk nitolbu devoluzzjoni ta' din il-biċċa art il-Kunsill ikollu diġa' xi ħaġa f'idejh biex jibda.

Il-Kunsilliera Agius qalet li għandha dubju kemm jingħata permess biex isir bini f'dik il-kantuniera li qed jirreferi għaliha s-Sur Fenech.

Il-Viċi Sindku qal li hu kellu f'moħħhu li jkompli bil-proġett ma' Ġnien il-Kunsill u f'dik il-biċċa art fil-kantuniera jibni girna bħal ma' hemm Santa Lucia u jkompli mal-*bridge* li diġa' sar.

Il-Kunsillier Fenech qal li jekk isir hemm l-uffiċċju tal-Kunsill dan ikun jista' jiġi milqugħ aktar minn nies għax ikun *ground floor level*.

**5**. **<u>Ċwievet tal-Kunsill</u>**

Dwar iċ-ċwievet tal-Kunsill, is-Segretarju qalet li marret il-Kunsill u sabet lis-Sinjura Schembri il-Kunsill f'laqgha tas-sotto-kumitat u staqsietha minn fejn kienet ġabet iċ-ċavetta.  Is-Sinjura Schembri qalet li din kien irċevietha mingħand is-Sindku.

Is-Segretarju kompliet tgħid li hi saret taf ukoll li s-Sur Fenech ukoll kellhu ċavetta mingħajr  permess ta' ħadd ħlief tas-Sindku.  Kemm is-Segretarju kif ukoll il-Viċi Sindku w l-Kunsillier Agius qalu li ċwievet tal-Kunsill għandhom ikunu għand is-Sindku w s-Segretarju biss.  Intqal li kienet ħarġet Memo mid-Dipartiment dwar dan.

Is-Segretarju qalet ukoll li jekk xi ħadd ikollu bżonn jidħol il-Kunsill, għandhu jiddikjara dan waqt laqgħa tal-Kunsill u jiġi approvat li jkollhu ċavetta għal dak in-nhar.  Is-Sindku qal li f'kaz li xi hadd jitolbu ic-cavetta biex ikun jista  juza l-ufficcju tal-Kunsill biex jahdem hu jghatijilhu. Il-Kunsill qabel

Il-Kunsillier Fenech qal li hu minħabba x-xogħol tiegħu ma jistax jersaq lejn il-Kunsill qabel it-8 ta' filħaxija w minħabba li xtaq jara il-kuntratti ma kienx ikun jista' jmur il-Kunsill qabel dan il-ħin.

Il-Kunsillier Fenech talab kopja tal-memo qabel ma titiiehed decizjoni finali. Qal ukoll li jekk m' hemm xejn li jimpedixxi li l-kunsilliera jkollom cavetta kull kunsillier ghandu dritt li jkollu kopja jekk iridha. Spjega ukoll li minn naha l-ohra jekk hemm xi haga fil-ligi li timpedixxi dan jien ma rridx li jkolli cavetta anke jekk il-kunsilliera joffru li jien ikolli cavetta.

Is-Segretarju se titlob lid-Dipartiment ifforni l-Kunsill bil-Memo li kienet ħarġet dwar iċ-ċwievet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**6.** ***Facebook page* Kunsill**

Is-Sindku qal li fuq *Facebook* personali tieghu irċieva mingħand is-Sur Gaffiero ta' *Gaffiero Productions* biex jkun jaf jekk il-Kunsill hux interessat li jiġi organizzat Lejla Maltija nhar it-Tnejn, 24 ta' Gunju, 2013, li tinkorpora

*Fashion Show* fi Ġnien 2000. is-Sur Abela qal li waqt din il-lejla li se tintwera wkoll fuq stazzjon televiżiv se jkun hemm kant, logħob w ikel Malti.

Is-Sinjura Agius qalet li f'attivita' bħal din jkun hemm bżonn ta' persuna biex toqgħod mal-latrini. Staqiet xi spejjeż se jidħol fihom il-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux se jidħol f'ebda spejjeż, u jieħu ħsieb li ma ssirx ħsara fil-post.

Il-Kunsill qabel li issir laqgħa mas-Sur Gaffiero biex tiġi diskussa din l-attivita'.

Dwar il-*Facebook*, il-Kunsillier Fenech qal ukoll biex jekk xi ħadd mill-Kunsilliera jkollhom x'informazzjoni li jixtiequ li tidher fuq *Facebook* jibgħatuhielu. Qal ukoll biex is-Segretarju tgħaddielhu l-Minuti wara li jiġu approvati biex ukoll japplowdjhom fuq il-*Facebook*.

**7.** **Fuljett Kunsill**
**a plenarja**

Il-Kunsillier Fenech talab lill-Kunsilliera biex jgħaddulhu l-material għal fuljett tal-Kunsill. Qal ukoll li jeħtieġ inġibu kwotazzjonijiet għal *printing* tal-fuljett. Il-Kunsill qabel.

**8.** **Ġnien il-Kunsill**

Dwar Ġnien il-Kunsill, is-Sindku qal li jeħtieġ inġibu kwotazzjonijiet għal *Gazebo* u l-Kunsill jeħtieġ jieħu ħsieb li l-entraturi jingħalqu. Is-Segretarju qalet li l-aħjar l-Kunsill ikellem lill-Perit minħabba il-pjanta tal-MEPA. Il-Kunsill qabel.

**9. *Tender* Latrini**

Il-Kunsillier Fenech qal li waslet biex tagħlaq it-*tender* tal-latrini għaldaqstant il-Kunsill irid jaħseb biex joħroġ it-*tender*.
Is-Segretrju qalet li waslu biex jagħlqu aktar *tenders* u l-aħjar li dawn joħorgu flimkien biex ikun hemm spiża waħda anke tal-gazzetti.
Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**10. Operat sotto-kumitati**

Il-Kunsilliera Schembri qalet li nħoloq kumitat tal-Edukazzjoni w dawn qed jintaqgħu biex jiddiskutu x'jista' jsir.
Is-Sinjura Schembri qalet ukoll li tixtieq li ssib post fejn tkun tista' tapplika għal fondi tal-Unjoni Ewropea biex tatrezzah bil-kompjuters u l-Kunsill ikun jista' jagħti lezzjonijiet tal-kompjuters lir-residenti.

**11. Attivitajiet Sportivi**

Dwar l-attivitajiet sportivi s-Sinjura Schembri qalet li aktar il-quddiem se jsiru kompetizzjonijiet ta' l-isparer fuq il-plattini u se jinħoloq *Walking Club*, se jkun hemm anke tabib li se jagħti s-servizz tiegħu b'xejn b'forma ta' *voucher* għal dawk li jixtiequ jieħdu sehem fil-*Walking Club*.

Is-Sinjura Schembri qalet ukoll li s-Sotto-Kumitat ta' l- i*Sports* talbu li jinħareġ kwestjonarju mal-fuljett tal-Kunsill dwar liema *sports* in-nies jixtiequ japplikaw. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Schembri qalet ukoll li l-lezzjonijiet taz-*Zumba* bdew u hemm konkorrenza tajba.

**12. Toroq San Gorg, Tumbarellu u Giov. Scicluna**

Is-Sindku qal li skond il-Perit Marvin Ellul il-pjanti tat-toroq msemmija hawn fuq tlestew u dawn it-toroq se jsiru.

**13. *CCTV Cameras* - Ġnien il-Kunsill, Ġnien 2000, Misraħ St. Rokku u Misraħ San Gorg (wara l-knisja)**

Is-Sindku qal li li se niccekjaw mar-regjun jekk f' kaz ta vandalizmu nistghux naghmlu uzu mill-cameras li r-regjun jista jinstalla minhabba traffic contraventions qabel niddeciedu l-cameras nixtruhomx ahna jew le.

Is-Sindku qal ukoll li se jipprova jiddiskuti din il-kwisjoni ma tar-Regjun biex forsi jsir ftehim li r-Regjun jinstalla dawn il-cameras bi spejjez tieghu. Ghaldasqtant il-Kunsill qabel li ssir laqgha ma tar-Regjun izda jekk dawn mhux se jghamluhom minn naha taghhom il-Kunsill jghamilhom hu.

Is-Sindku qal li f'dan il-kaz il-Kunsill jghamel sejha ghal kwotazzjonijiet ghax fil-postijiet imsemmija qed isir hafna vandaliżmu. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**14. Turretta**;

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sinjura Astrid u din rat li stat tat-Turretta. Is-Sindku qal li s-Sinjura Astrid qaltlhu li l-Kunsill jista' japplika għal fondi tal-Unjoni Ewropea biex din tittranġa. Żaret ukoll it-Triq fejn tinsab Dar il-Bebbux u qalet li din id-dar tista' tiġi rranġata.

**15. Tindif qabel, waqt u wara l-Festa**

Is-Sindku qal li minħabba li ser isir il-marċ se jitlob li jsir tindif qabel u wara il-marċ. Qal ukoll li jkun jeħtieġ isir ħasil tal-pjazza qabel u wara il-festa. Is-Segretarju qalet li l-ħasil ta' wara l-festa jsir dejjem skond il-kuntratt li għandu tal-knis, il-bqija jkunu *extra*. Il-Kunsill qabel.

**16. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Il-Viċi Sindku qal li tal-Barrani quddiem il-pompa tal-*petrol* hemm *scrap yard* illegali, din hija mingħajr permess u jeħtieġ ninfurmaw il-MEPA. Il-Kunsill qabel.
   Qal ukoll li kien qed isir xi zvilupp ilegali minn Schembri bros tad-dubbu hdejn il-yard taghhom

2. Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm il-ħtieġa li jinqata' l-ħaxix li hemm Triq il-Fidloqqom, Triq Santu Kristu, Triq iċ-Ċimiterju, Triq il-Gistakor. Qal ukoll li l-ħaxix ma tneħħiex minn Triq iċ-Ċimiterju meta ħafna nies iżuru dan fil-*Mothers Day*. Il-Kunsill qabel.

3. Il-Kunsilliera Agius ilmentat ukoll li hemm ħafna ħaxix fi Triq tal-Qattus biex jitneħħa. Il-Kunsill qabel.

4. Il-Kunsilliera Agius staqsiet dwar il-bozoz li l-Kunsill applika għalihom, is-Segretarju qalet li dawn ġew approvati u l-Kunsill qabel li dawn isiru.

5. Is-Sindku qal li jeħtieġ li tinxtara xibka minħabba x-xemx meta issir SkolaSajf. Il-Kunsill qabel.

6. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jibgħat stedina lill-Kummissarju tal-Pulizija biex sena oħra f'Jum Ħal Għaxaq tiġi l-banda tal-pulizija biex tagħmel programm ta' marċi. Is-Sur Vassallo kompla jgħid li l-Korp tal-Pulizija sena oħra se jagħlaq 200 sena u jaf jaċċetta din l-istedina. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.45pm aġġorna s-Seduta għal nhar il-Erbgħa 12 ta' Gunju 2013 fis-6.30pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**<u>Ikkonfermati: l-Erbgha 12 ta' Gunju 2013 fis-6.30pm</u>**